*iż-żewġ partijiet kellhom l-obbligu li jżommu l-*proper lookout *meħtieġ f'inċident fejn sewwieq li jkun ġej minn wara jaħbat ma' bieba ta' vettura miftuħa għal fuq il-karreġġjata minn fejn is-sewwieq tal-vettura jkun ġej minn wara - l-appellanta kellha l-obbligu li meta tiftaħ il-bieba tal-vettura tagħha tagħmel dan b'kawtela u bi ħsieb, u wara li tassigura li mhi ġejja l-ebda vettura minn warajha - l-appellat kellu l-obbligu li f'kull ħin waqt is-sewqan, iżomm għajnejh fuq it-triq u jkollu għarfien ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri madwaru, li jżomm max-xellug tat-triq, li jsuq bil-mod tenut kont li t-triq kienet pjuttost mudlama, u li jżomm id-distanza mill-vetturi ppjarkjati ladarba l-wisgħa tat-triq kienet tippermetti dan*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 17/2020 LM

**Elmo Insurance Limited u George Victor Chase**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Christa Licari Gauci u b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2019 isem l-intimata kien korrett fis-sens li għandu jaqra bħala Christel Karin Gauci van Zyl**
*("l-appellanta")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Christel Karin Gauci van Zyl**, hawnhekk "l-appellanta", minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-

Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tal-10 ta' Marzu, 2020 (minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali appellat"), li permezz tagħha t-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ċaħad biss it-talba tagħhom għall-imgħaxijiet bejn id-data tal-ittra uffiċjali u d-data tal-preżentata tat-talba arbitrali u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali, minħabba li din ma kinitx debitament notifikata lill-intimata.

**Fatti**

2. Permezz tat-talba tagħhom quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti **Elmo Insurance Limited** u **George Victor Chase** (hawnhekk "l-appellati") għamlu riferiment għal inċident awtomobilistiku li seħħ fit-28 ta' Settembru, 2016 ġewwa Misraħ San Duminku, ir-Rabat (Malta) bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni APB-393 li kienet taħt ir-responsabbiltà tal-intimata, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-445 misjuqa mir-rikorrent George Victor Chase, liema inċident (minn issa 'l quddiem "l-inċident") huma jgħidu li seħħ minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimata, li allegatament fetħet il-bieba tal-passiġġier ta' wara tal-vettura tagħha waqt li r-rikorrent kien qiegħed isuq fit-triq, u b'hekk ikkaġunat danni fil-vettura tiegħu. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti minnhom fl-ammont ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750), flimkien mal-ispejjeż legali, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali intavolata fil-15 ta' Novembru, 2016, u tal-pariri legali, bl-imgħax mid-data tal-intavolar tal-ittra uffiċjali sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ, u talbuh jikkundanna lill-intimata għall-ħlas tal-istess.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri fejn talbu li t-Tribunal jiddikjara li l-intimata hija responsabbli għal inċident li seħħ waqt li l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu f'Misraħ San Duminku, ir-Rabat, meta f'ħin minnhom l-intimata fetħet il-bieba ta' wara tal-vettura tagħha waqt li huwa kien qiegħed isuq fit-triq. Ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal jiddikjara li l-intimata hija responsabbli għall-inċident, u wara li jillikwida d-danni sofferti minnhom, jikkundanna lill-intimata tħallashom l-imsemmija danni.

4. L-intimata wieġbet li hija ma kinitx responsabbli għall-inċident, u eċċepiet ukoll li f'kull każ id-danni pretiżi mir-rikorrenti għandhom jiġu ppruvati.

5. Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tar-rapport tal-Pulizija, minn fejn jirriżulta li wara l-inċident, ir-rikorrent stqarr mal-Pulizija li huwa kien għaddej minn Misraħ San Duminku, fir-Rabat, waqt li l-intimata kienet ipparkjat il-vettura tagħha mal-ġenb tat-triq, meta f'ħin minnhom infetħet il-bieba tal-passiġġer ta' wara tal-vettura tal-intimata għal fuq il-vettura tar-rikorrent. Ir-raġel tal-intimata Dr Gianfranco Gauci ddikjara mal-Pulizija li huwa kien riekeb fuq wara tal-vettura ħdejn it-tarbija tagħhom, u kien hu li ħalla l-bieba miftuħa sabiex il-mara tiegħu tkun tista' tiġbor l-affarijiet tat-tarbija li kienu mal-art fil-vettura. Qal li kien hemm biżżejjed spazju fit-triq biex ir-rikorrent ikun jista' jgħaddi bil-karozza, anki bil-bieba tal-vettura tagħhom miftuħa.

6. Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja tal-ittra uffiċjali li ntbagħtet minnhom lill-intimata, permezz ta' liema huma interpellawha tersaq sabiex tassumi r-responsabbilità għall-inċident, kif ukoll sabiex tħallas id-danni riżultanti mill-inċident.

7. **Dr Gianfranco Gauci**, ir-raġel tal-intimata, xehed quddiem it-Tribunal li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed fin-naħa tax-xellug tas-*seat* ta' wara tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP 393, u bilqiegħda ħdejh fuq is-*seat* kien hemm it-tarbija tal-koppja. Qal li dak il-ħin martu l-intimata kienet ipparkjat il-vettura tagħhom quddiem id-dar tagħhom, f'Misraħ San Duminku, ir-Rabat. Qal li fil-ħin tal-inċident kien dalam, u huwa fetaħ il-bieba ta' wara tan-naħa tax-xellug biex idur mal-karozza u jieħu l-*car seat* bit-tarbija fih, li kien fuq in-naħa tal-lemin. Qal li dak il-ħin ma kienx hemm vetturi oħra ġejjin fit-triq. Qal li hu ħalla l-bieba tax-xellug, li kien ħareġ minnha, miftuħa, sabiex martu tkun tista' tiġbor xi affarijiet li kellhom fil-vettura. Qal li waqt li martu kienet b'saqajha fit-triq u b'rasha baxxuta tiġbor l-affarijiet mill-karozza, huma ħassew il-vettura tagħhom titriegħed, u dak il-ħin indunaw li kien għadda r-rikorrent Chase li kien ħaxken il-vettura tiegħu mal-bieba miftuħa tal-vettura tal-intimata. Qal li r-rikorrent waqaf wara tul ta' qisu tliet karozzi, xħin induna x'kien ġara. Ix-xhud qal li meta avviċina lir-rikorrent u staqsieh x'ġara, Chase kien qallu li l-intimata fetħitlu l-bieba tal-vettura tagħha waqt li r-rikorrent kien qiegħed isuq minn mal-karozza tagħhom. Qal li martu, l-intimata, mill-ewwel ċaħdet li kien ġara hekk. Ix-xhud qal li dak il-ħin huwa seta' jara li r-rikorrent kellu ħsara mat-tul tal-ġenb kollu tal-vettura tiegħu sa fejn setgħet messet il-vettura tal-intimata.

8. Ir-rikorrent **George Chase** xehed li huwa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu minn quddiem il-Knisja ta’ San Duminku, tar-Rabat. Spjega li dak il-ħin kellu riekba miegħu lil martu, u qal li t-triq kienet *clear.* Qal li f’ħin minnhom sema’ tisbita mal-parti ta’ wara tal-*bumper* tal-lemin ta’ quddiem. Żied jgħid li sakemm seħħ l-impatt huwa ma kienx ra l-bieba tal-vettura tal-intimata miftuħa, u qal li mhux minnu li kien ir-raġel tal-intimata li fil-ħin tal-inċident kellu t-tarbija f’idejh, għaliex huwa ħares mill-mera u ra lill-intimata bit-tarbija f’idejha. Qal ukoll li mhux minnu li huwa saq tul ta’ tliet karozzi wara li seħħ l-impatt. Meta x-xhud ġie muri l-iskizz li tħejja mill-*warden,* ix-xhud qal li mhux minnu li huwa laħaq saq dik id-distanza indikata fl-iskizz. Qal li mhux minnu li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed ifittex post fejn jipparkja, u dak il-ħin huwa kien sejjer lejn is-Saqqajja. Ir-rikorrent spjega li meta huwa sema’ l-ħoss tal-impatt, huwa saq għal ftit sabiex iħalli biżżejjed spazju biex il-persuna fil-vettura l-oħra tkun tista’ tiftaħ il-bieba aktar u tkun tista’ toħroġ. Qal ukoll li huwa fl-ebda ħin ma ra lir-raġel tal-intimata barra l-karozza fuq il-bankina bil-*car seat* tat-tarbija f’idu, u lanqas ma ra lill-intimata b’saqajha fuq it-*tarmac* tiġbor l-affarijiet mis-*seat* ta’ wara tal-vettura.

9. Ix-xhud **Johann Triganza** xehed li huwa għamel *survey* fuq iż-żewġ vetturi, u qal li l-vettura tar-rikorrent ġiet dikjarata *beyond economical repair.* Qal li l-ispejjeż għat-tiswija ta’ din il-vettura kienu ta’ madwar €1,164.63, u l-*pre-accident value* ta’ din il-vettura kien viċin dak l-ammont u għalhekk ġie dikjarat li din kienet *beyond economical repair.* Spjega li l-ħsara fil-vettura proprjetà tar-rikorrent kienet tikkonsisti f’taħlita ta’ għafsiet, ħġieġ imkisser u

grif, u l-*mudguard* ta' quddiem tal-lemin u l-bieba ta' quddiem tal-lemin kellhom jinbidlu t-tnejn.

10. L-intimata **Christel Karin Gauci van Zyl** xehdet li meta seħħ l-inċident, it-tarbija tagħha kellha madwar xahrejn. Kompliet tgħid li fil-ħin tal-inċident hija kienet barra l-karozza tagħha, fuq in-naħa tax-xellug, bil-bieba miftuħa, u kienet qiegħda toħroġ xi basktijiet li kienu fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura. Qalet li mhux minnu li fil-ħin tal-inċident hija kellha t-tarbija f'idejha. Qalet li meta seħħ l-inċident żewġha kien qiegħed fil-proċess li joħroġ it-tarbija tagħhom mill-karozza.

11. It-Tribunal żamm aċċess fuq is-sit tal-inċident sabiex jiddetermina l-wisgħa tat-triq inkwistjoni, u sabiex jara jekk kienx hemm wisgħa biżżejjed biex vettura tkun tista' tgħaddi waqt li l-bieba tal-vettura tal-intimata tkun miftuħa.

12. Ix-xhud **Carmen Chase**, mart ir-rikorrent, xehdet quddiem it-Tribunal li hija semgħet l-impatt waqt li kienet riekba fil-vettura ma' żewġha, u semgħet lil żewġha jgħid li xi ħadd kien fetaħ il-bieba tal-vettura tiegħu quddiemhom. Qalet li hija ma kinitx attenta għal dak li kien għaddej fit-triq, u ma rat l-ebda bieba tinfetaħ.

## Il-Lodo Arbitrali Appellat

13. Permezz tal-lodo mogħti fl-10 ta' Marzu, 2020, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi laqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u kkundanna lill-

intimata tħallas l-ammont ta' €750 danni lir-rikorrenti flimkien mal-ispejjeż tal-arbitraġġ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet ta' Fatt***

*L-esponent tal-fehma illi dak li hu kontrastat bejn il-partijiet hu jekk il-bieba nfetħitx ħesrem f'ħin qasir qabel ma waslet il-karozza ta' Chase ma' dik tal-intimata, jew jekk diversament, dik il-bieba kinitx ilha miftuħa minn qabel l-istant tal-ħabta, u b'hekk skont it-teżi tal-intimata, il-ħabta kienet tort tar-Rikorrent Chase, minħabba li dan naqas li jara l-bieba f'ħin utili u b'hekk jevita l-inċident.*

*Ma hemm l-ebda kuntrast dwar il-fatt illi l-bieba kienet tassew miftuħa għal fuq il-karreġġata. Hemm verżjonijiet kontrastanti, fuq bilanċ ta' provi, u konsistenza u verosimiljanza, l-arbitru jasal għall-konvinċiment morali illi l-verżjoni tal-fatti mressqa mill-intimata għandha piż itqal mill-verżjoni tar-Rikorrenti Chase, li ma tikkonvinċix, f'partijiet tagħha, bħal per eżempju illi dan ma waqafx ħesrem mal-ewwel impatt imma baqa' jsuq u jżid il-ħsara kemm fuq il-karozza tiegħu u dik tal-intimata, sabiex iħalli (skont hu) lill-intimata tkun tista' toħroġ mill-karozza tagħha.*

*L-arbitru kien ikun lest illi jaċċetta li Chase baqa' jsuq għax inħasad, u* in the agony of the collision *ma kellux ir-riflessi adegwati biex jinduna x'ġara u jieqaf fil-pront. Din kienet tkun imġiba verosimili u aċċettabbli u ma kinitx ser tinkolpah, għax meta persuna tinħasad, tista' tassew taġixxi b'mod insolitu.*

*L-arbitru għalhekk propens li jemmen illi l-bieb tal-karozza tal-intimata kien ġia miftuħa fuq il-karreġġjata qabel ma Chase daħal ġo fiha.*

*Minħabba li dan il-punt tqajjem u ġie dibattut, l-arbitru jinsab sodisfatt illi hemm spjegazzjoni il-għala l-ewwel impatt mal-*mudguard *ta' Chase kien pjuttost 'il fuq mhux il-bogħod mill-*windscreen *tiegħu. Dana minħabba l-konfigurazzjoni tal-bonnett tiegħu li jaqleb mill-għoli (ħdejn il-*windscreen*) għall-baxx (ħdejn il-fanali) filwaqt illi d-dawra tal-bieba tal-intimata (fejn tiltaqa' mal-kurvatura tal-*wheel arch*) hi pjuttost għolja.*

***Konsiderazzjonijiet ta' Dritt***

*Ma jidhirx illi hemm xi ġurisprudenza deċiżiva fuq il-kwistjoni tal-ħtija ta' meta sewwieq li jkun ġej minn wara vettura wieqfa, jaħbat ġo bieba ta' vettura oħra li tkun quddiemu liema bieba tinfetaħ għal fuq il-karreġġata. Hemm tendenza illi jiġi meqjus jekk is-sewwieq ta' wara kellux opportunità li jara l-bieba u jevitaha. B'dan*

*għalhekk illi hemm raġunament illi jekk bieba tinfetaħ ħesrem, huwa tort ta' min fetaħha, iżda jekk tkun illi xi ftit miftuħa t-tort tas-sewwieq li jaħbat ġo fiha.*

*L-esponent għandu fehma xi ftit differenti. Min jiftaħ bieba fuq in-naħa tal-karreġġata ikun qed jostakolaha. Jinkombi lil min jiftaħ il-bieba illi jkun ċert li ma jkun ġej ħadd warajh, u li kemm jista' jkun malajr ifittex jerġa' jagħlaqha. Ir-responsabbilità ta'* proper lookout *hi fuq min jostakola u mhux fuq min jiġi ostakolat.*

*Kwindi l-arbitru ma jarax li għandu joqgħod jinvestiga kemm-il sekonda qabel il-ħabta kien infetaħ il-bieb ta' wara. Seta' infetaħ ħesrem mal-wasla tal-karozza ta' wara, u seta' anki infetaħ qabel. Ostakolu huwa dejjem ostakolu. Min iħaffer ħofra fit-triq ma jistax jilqa' illi dik il-ħofra kienet ilha hemm qabel xi ħadd ikun waqa' ġo fiha.*

*L-arbitru hu tal-fehma illi din il-veduta hi suffragata mill-monitu li jinsab fil-paragrafu 52 tal-Highway Code li jgħid hekk:*

> "52. Be very careful if stepping on the carriageway to get in or out of a car. Use the kerbside doors wherever possible. Even though the driver of the car may have to use the offside door, it should always be possible for passengers to use only the kerbside doors."

*Hawn insibu twissija fis-sens illi għalkemm il-ftuħ ta' bieba għal fuq il-karreġġata mhix xi ħaġa projbita, din ma tridx tkun xi ħaġa li ssir b'mod każwali, u trid issir b'kawtela. Ir-regolamenti 74 u 77 tal-Motor Vehicle Regulations huma wkoll tassattivi dwar l-ostakolar tal-perkors ħieles tat-traffiku.*

*Hu minnu illi kieku s-sewwieq li jkun ġej minn wara, ikollu opportunità ovvja li jara l-bieba miftuħa, u li jew jieqaf qabel, jew idur magħha, dan huwa obbligat li jagħmel dak li hu raġonevoli sabiex jevita inċident. Dan huwa obbligu residwali li jinkombi lil kull sewwieq, anki meta s-sewwieq jew utent ieħor tat-triq ikun ħoloq problema.*

*F'dan il-każ, fi triq dejqa, fid-dlam (naturalment ikun hemm id-dawl tat-triq. Imma dan ta' konfort)* (sic!), *mhux ta' min jassumi illi Victor Chase seta' jintebaħ bl-ostakolu u b'hekk seta' jieħu miżuri sabiex ikun jista' jevita s-sinistru.*

*Il-prova ta' dan kienet tinkombi lill-intimata. Hu vera li din għamlet tentattiv sew bil-provi u kemm ukoll fit-trattazzjoni biex tistabbilixxi dan il-punt, iżda l-esponent ma jħossx li fuq bilanċ ta' probabbilità din il-prova saret sabiex l-esponent ikun konvint illi kien raġonevolment mistenni li Chase jintebaħ bl-ostakolu fi żmien utili li bih kien jevita l-inċident, u li kien ħati ta' nuqqas ta'* proper lookout *meta ma ntebaħx bl-ostakolu f'ħin siewi.*

*Jiġi spjegat ukoll illi anki li kieku din il-prova kellha ssir, dan kien jgħabbi lil Chase b'negliġenza kontributorja u ma kienx ikun responsabbli fi grad ewlieni iżda fi grad sekondarju.*

***Likwidazzjoni***

*Tenut kont tad-dokumenti u xhieda fuq dan il-punt u s-sejbien illi l-vettura ta' Chase kellha* pre-accident value *viċin l-ispiża tat-tiswija li kienet ta' €1,164.62, u li għalhekk dan ingħata cash settlement ta' €750 bil-patt li jkun jista' jżomm hu stess il-vettura, jidher illi t-talba għas-somma pretiża ta' €750 hi waħda ġustifikabbli u ġustifikata. Għalhekk qiegħda tiġi likwidata din is-somma.*

***Konklużjoni***

*Għalhekk l-arbitru jaqta' u jiddeċiedi l-arbitraġġ billi prevja li jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, jikkundanna lill-Intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) flimkien mal-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ. Billi l-ittra uffiċjali riferita kienet indirizzata ħażin lil Christa Licari Gauci u tirriżulta mhux notifikata, dan għandu żewġ effetti. L-ewwel illi mhux qegħdin jiġu mogħtija l-ispejjeż ta' din l-ittra, u t-tieni illi l-imgħax pretiż jibda jiddekorri bir-rata legali mid-data tat-talba arbitrali preżenti u ċioe s-26 ta' Lulju, 2018."*

## L-Appell

14. L-appellanta ressqet l-appell tagħha mill-lodo arbitrali fid-29 ta' Mejju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirriforma u tvarja l-lodo arbitrali datat 10 ta' Marzu, 2020 mogħti fl-atti tal-Arbitraġġ Mandatorju Numru M5476/2018 fl-ismijiet "**Elmo Insurance Limited u George Victor Chase vs Christa Licari Gauci u b'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2019 isem l-intimata kien korrett fis-sens li għandu jaqra bħala Christel Karin Gauci van Zyl**", u dan billi, filwaqt illi tikkonfermah safejn ċaħad l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2875/16 u l-imgħaxijiet bejn id-data tal-ittra u data tal-preżentata tal-proċeduri arbitrali, min-naħa l-oħra tannullah, tħassru u tirrexxindih fejn laqa' t-talbiet l-oħra kollha u ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, u minflok tiddeċiedi u taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom."*

15. L-appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bil-lodo appellat għal tliet raġunijiet ewlenin. Spjegat li fl-ewwel lok it-Tribunal ma kienx ġustifikat imur kontra l-ġurisprudenza stabbilita u msemmija minnu stess, partikolarment wara li dan ikkonsidra li s-sewwieq tal-vettura li jkun ġej minn wara huwa responsabbli jekk il-bieba tkun infetħet qabel ma huwa jaħbat magħha. L-appellanta qalet li f'dan il-każ it-Tribunal injora għalkollox il-fatt li l-appellat kellu obbligu jżomm man-naħa tax-xellug tat-triq u jżomm id-distanza minn vetturi ipparkjati, injora l-wisgħa tat-triq, injora x-xhieda tal-partijiet, u finalment injora għalkollox l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuq l-appellat.

16. L-appellanta spjegat li huwa l-obbligu ta' min jiftaħ bieba ta' vettura li jassigura li ma jkunux ġejjin vetturi dak il-ħin. Żiedet tgħid li però t-Tribunal mar oltre dan il-prinċipju, tant hu hekk li ddeċieda li min iżomm bieba miftuħa biex iħott ħwejġu, huwa responsabbli anki jekk is-sewwieq tal-vettura li tkun ġejja minn wara jkollu ħin ampju biex jara l-bieba miftuħa u jevitaha, imma jonqos milli jagħmel dan. L-appellanta spjegat li t-Tribunal injora għalkollox l-obbligu ta' *proper lookout* għal bibien miftuħin, u minflok tefa' l-obbligu tal-*proper lookout* fuq min qiegħed jostakola billi jiftaħ il-bieba, u mhux fuq is-sewwieq tal-vettura li tkun ġejja minn wara. L-appellanta qalet li hija ma taqbilx ma' din il-linja ta' ħsieb, u lanqas ma dak li stqarr it-Tribunal li mill-provi ma setax jiddetermina jekk il-bieba inkwistjoni kinitx infetħet kmieni biżżejjed sabiex l-inċident seta' jiġi evitat. L-appellata qalet li fl-ewwel lok il-kodiċi stradali huwa ċar li sewwieq għandu obbligu jżomm mal-parti tax-xellug tat-triq, u mhux isuq f'nofs it-triq. Qalet li f'dan il-każ, it-triq hija wiesgħa biżżejjed biex l-inċident kien jiġi evitat li kieku r-rikorrent żamm max-xellug tat-triq.

Żiedet tgħid li kull sewwieq għandu l-obbligu tal-prudenza li jżomm kemm jista' jkun id-distanza minn vetturi pparkjati, proprju minħabba l-possibilità li tinfetaħ bieba kif ġara f'dan il-każ. Qalet li mir-ritratti esebiti għandu jirriżulta li r-rikorrent kellu biżżejjed spazju biex iżomm id-distanza tiegħu mill-vetturi li kienu pparkjati fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. L-appellanta kompliet tgħid li f'dan il-każ it-Tribunal kellu obbligu jara min mix-xhieda kien l-aktar kredibbli proprju għaliex jirriżulta kunflitt fix-xhieda mogħtija, partikolarment wara li t-Tribunal stess osserva li l-verżjoni mogħtija minnha kienet aktar kredibbli minn dik mogħtija mir-rikorrent. L-appellanta qalet li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal donnu tefa' fuqha l-oneru tal-prova li hija ma ħolqot l-ebda emerġenza, meta f'dan il-każ kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li hija ħolqitlu emerġenza subitanja. Kompliet tgħid li f'dan il-każ it-Tribunal skarta għalkollox it-teżi li l-bieba nfetħet waqt li r-rikorrent kien għaddej isuq mal-vettura tagħha, u minkejja li t-Tribunal qal li kien hemm il-possibilità li l-bieba nfetħet f'ħin viċin wisq biex ir-rikorrent seta' jevitaha, dan ġie miċħud mill-partijiet kollha li xehdu fil-kawża.

17. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal injora għalkollox il-fatt li r-rikorrent mal-impatt baqa' jsuq, b'mod li b'hekk ħa l-ġenb kollu tal-vettura tiegħu. Spjegat li huwa paċifiku bejn il-partijiet, li minkejja li l-appellat sema' ħoss qawwi ta' ħabta, dan baqa' jsuq, anki jekk b'veloċità baxxa ħafna, u waqaf tul ta' diversi metri bogħod mill-vettura tal-appellanta. L-appellanta għamlet riferiment għax-xhieda tal-appellat fejn qal li huwa baqa' jsuq sabiex hija tkun tista' toħroġ mill-vettura tagħha. Qalet li dan m'għandux mis-sewwa, għaliex fil-ħin tal-inċident hija kienet bilwieqfa fuq it-

*tarmac,* baxxuta minn qaddha 'l fuq fil-vettura tagħha. Qalet ukoll li kif irriżulta mill-provi, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex hija ma setgħetx toħroġ mill-bieba tal-lemin. Żiedet tgħid li semmai, l-appellat kellu jiddeċiedi li jibqa' jsuq wara li jieqaf u jara l-affarijiet u mhux qabel. Qalet li l-fatt li l-appellat ma waqafx u minflok baqa' jsuq, juri li dan kien mifxul u li naqas milli jżomm *a proper lookout.* L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jiżen l-implikazzjonijiet ta' dan kollu, u kif dan jaffettwa l-*quantum* tad-danni, u qalet li kieku l-appellat waqaf mad-daqqa, il-ħsara sofferta minnu kienet tkun ferm inqas. Qalet li minflok, il-fatt li l-appellat baqa' jsuq bil-mod, u jitkaxkar mal-bieba tal-vettura tagħha, ġab il-konsegwenza li huwa għamel girfa fonda mat-tul kollu tal-vettura tiegħu sa wara nett, u kien għalhekk li l-ispejjeż tat-tiswijiet telgħu ħafna, tant hu hekk li l-vettura tiegħu ġiet dikjarata *total loss.* L-appellanta qalet li għal dan l-għemil jaħti biss l-appellat.

18. L-appellanta qalet ukoll li ladarba l-Kap. 387 f'dawn iċ-ċirkostanzi jirrendi l-proċeduri ta' arbitraġġ obbligatorji, allura japplikaw l-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u awtorità li trid tiġġudika dwar drittijiet u obbligi ċivili trid tkun indipendenti u imparzjali, u għalhekk persuni li jaqdu tali dmirijiet m'għandhomx jagħmlu dan fuq bażi każwali, mingħajr *security of tenure* u waqt li jkunu qegħdin jissuktaw fil-prattika privata, bħalma ġara fil-każ odjern. L-appellanta qalet li għalhekk qiegħda tħalli f'idejn din il-Qorti sabiex tiddetermina għandux ikun hemm referenza kostituzzjonali, filwaqt li żżomm ferm id-dritt li tattakka l-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Ir-Risposta tal-Appell

19. Fir-risposta tagħhom l-appellati qalu li preliminarjament ir-rikors tal-appell huwa null għaliex dan la ġie notifikat lill-Arbitru u lanqas liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta kif jitlob l-artikolu 70 A (2) tal-Kap. 387. Żiedu jgħidu li mingħajr preġudizzju għal dan, il-lodo arbitrali mogħti huwa ġust u jixraqlu konferma fl-intier tiegħu. L-appellati qalu li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-evalwazzjoni tal-provi mit-Tribunal ħlief għal raġunijiet gravi, u f'każ li din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kkaġunata xi inġustizzja manifesta. L-appellati qalu li l-lodo appellat ma joħloq ebda inġustizzja manifesta lill-appellanta u għalhekk jimmerita li jiġi kkonfermat. L-appellati spjegaw li filwaqt li t-Tribunal kkonkluda li l-verżjoni mogħtija mill-appellanta hija aktar kredibbli minn dik mogħtija mill-appellat, it-Tribunal għamel eżami tal-provvedimenti legali u tal-kunċetti applikabbli għall-każ preżenti, b'mod partikolari għall-paragrafu 52 tal-*Highway Code*[1]*,* u l-artikoli 74[2] u 77[3] tar-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur. L-appellati qalu li ġie ppruvat li fil-mument meta seħħ l-akkadut, il-bieba tal-vettura tal-appellanta kienet miftuħa għal fuq it-triq, u għalhekk din kienet qiegħda toħloq ostakolu. L-appellati qalu li minkejja li l-appellanta għamlet riferiment għar-ritratti esebiti, mir-ritratt tal-eTARS għandu jirriżulta li l-vettura tagħha ma kinitx ipparkjata inkaxxata mal-bankina, iżda viċin iċ-ċentru tat-triq, u hawn si tratta ta' triq

[1] Art. 52 *Highway Code:* "Oqgħod attent jekk tiġi f'karreġġata biex tidħol jew toħroġ minn karozza. Fejn tista' uża l-bibien tan-naħa tal-bankina. Anke jekk is-sewwieq tal-karozza jista' jkollu juża l-bieba fuq barra, dejjem għandu jkun possibbli għall-passiġġieri li jużaw il-bibien tan-naħa tal-bankina."

[2] Art. 74 (1) (LS 65.11): "Ebda vettura ma tista' titħalla f'xi triq kontra xi regolament dwar ipparkjar jew f'dik il-qagħda jew f'dik iċ-ċirkostanza b'mod li aktarx tista' tkun ta' periklu jew ta' xkiel lil nies oħra li jużaw it-triq."

[3] Art. 77 (1) (LS 65.11): "Min isuq jew min ikun inkarigat minn vettura bil-mutur ma għandu la xjentement jew bi traskuraġni, iżomm, ifixkel, jew jaqta' l-mogħdija jew ma jħallix skaplu għal mogħdija ta' persuna, vettura, żiemel jew frat f'kull triq li tkun."

b'karreġġjata waħda, mingħajr xellug jew lemin, u għalhekk ir-riferiment għall-klawsoli tal-*Highway Code* iċċitati mill-appellanta ma jsibux applikazzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi. L-appellati qalu wkoll li l-*quantum* tad-danni jew ossia tal-ħsara sofferta mill-appellat qatt ma ġiet ikkontestata mill-appellanta, u għalhekk l-ispekulazzjonijiet li qiegħda tagħmel l-appellanta dwar x'seta' ġara li kieku l-appellat waqaf u kemm kienu jkunu d-danni sofferti minnu, huma biss spekulazzjonijiet f'dan l-istadju. B'riferiment għat-tielet aggravju sollevat mill-appellanta, l-appellati jgħidu li filwaqt li l-appellanta għandha kull dritt li tagħmel ir-riservi li temmen li huma meħtieġa, il-pożizzjoni dwar il-kostituzzjonalità tal-Kap. 387 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01 hija paċifika u kostanti llum il-ġurnata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellati u tal-konsiderazzjonijiet magħmula fil-lodo appellat. Imma fl-ewwel lok il-Qorti sejra tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjoni preliminari tan-nullità ta' dan l-appell sollevata mill-appellati, u dan wara li l-appellati għamlu riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 70 A (2) tal-Kap. 387 u eċċepew li r-rikors tal-appell huwa null għaliex l-Arbitru u ċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ma ġewx notifikati bir-rikors tal-appell. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal deċiżjoni mogħtija minnha stess fl-ismijiet **Susanna Hackenbruck et *vs.* Emmanuel Sammut et**[4], fejn intqal:

[4] 15.07.2020.

> "Il-Qorti tqis li minkejja li d-dispożizzjonijiet tal-liġi ċċitati jimponu obbligu fuq l-appellant li jinforma lit-Tribunal tal-Arbitraġġ bil-ħsieb tiegħu li jappella mid-deċiżjoni, kif ukoll jimponi fuqu l-obbligu li jinnotifika lill-Arbitru u liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ b'kopja tar-rikors malajr kemm jista' jkun, u f'kull każ mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara l-preżentata tal-appell, madanakollu dan l-obbligu mhux sanzjonabbli bil-piena tan-nullità f'każ li l-appellant jonqos milli josserva dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Fejn il-liġi timponi obbligu *ad validitatem,* il-liġi titkellem dwar in-nullità tal-att, kif inhu l-każ pereżempju b'dak li jipprovdi l-Art. 17 tal-Kap. 387, li jitkellem dwar piena ta' nullità f'każ li dak li tipprovdi l-liġi ma jiġix osservat. Imma li l-artikolu 36(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 387.01 u l-artikolu 70A(2) tal-Kap. 387 ma jitkellimx dwar in-nullità f'każ li l-appellant jonqos għal xi raġuni milli jinforma liċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ bil-ħsieb tiegħu li jappella mid-deċiżjoni, jew f'każ li jonqos milli jinnotifika lill-Arbitru u liċ-Ċentru b'kopja tar-rikors tal-appell. Ladarba l-leġiżlatur ma ħassx li għandu jimponi l-piena tan-nullità b'mod espress għal dan in-nuqqas, il-Qorti qiegħda tqis ir-rikors tal-appell bħala validu."

Għalhekk filwaqt li tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari tal-appellati, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal ma kienx ġustifikat imur kontra l-ġurisprudenza msemmija minnu stess dwar ir-responsabbilità tas-sewwieq li jkun ġej minn wara*

21. L-appellanta qalet li t-Tribunal ma kienx ġustifikat imur kontra l-ġurisprudenza stabbilita, li wara kollox issemmiet minnu stess, dwar ir-responsabbilità tas-sewwieq li jkun ġej minn wara, f'każ li dan jaħbat ma' bieba ta' vettura li tinfetaħ għal fuq il-karreġġjata minn fejn is-sewwieq tal-vettura jkun ġej minn wara. Qalet li huwa prinċipju stabbilit li l-appellat kellu l-obbligu jżomm max-xellug tat-triq, kif ukoll l-obbligu li jżomm id-distanza mill-vetturi pparkjati. Spjegat li hija żammet il-bieba tal-vettura tagħha miftuħa sabiex

tkun tista' tiġbor xi affarijiet mill-vettura tagħha u qalet li kieku l-appellat kien qiegħed iżomm il-*proper lookout* rikjest, dan kellu biżżejjed ħin biex jevitaha.

22. Il-Qorti tqis li f'ċirkostanzi li seħħ fihom l-inċident, iż-żewġ partijiet kellhom l-obbligu li jżommu l-*proper lookout* meħtieġ. L-appellanta kellha l-obbligu li meta tiftaħ il-bieba tal-vettura tagħha tagħmel dan b'kawtela u bi ħsieb, u wara li tassigura li mhi ġejja l-ebda vettura minn warajha, għaliex wara kollox b'din il-manuvra hija ħolqot ostakolu fit-triq. Min-naħa tiegħu l-appellat, li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fi triq pjuttost mudlama, kellu l-obbligu li f'kull ħin waqt is-sewqan, iżomm għajnejh fuq it-triq u jkollu għarfien ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri madwaru. Mill-provi prodotti jirriżulta li fil-ħin li seħħ l-inċident, l-appellanta ipparkjat il-vettura tagħha mal-ġenb tat-triq fil-viċinanzi tar-residenza tagħha, u waqt li żewġha kien qiegħed joħroġ il-*car seat* bit-tarbija tal-koppja min-naħa tal-lemin tal-vettura, dan fetaħ il-bieba tan-naħa tax-xellug sabiex martu l-appellanta tkun tista' toħroġ xi basktijiet u affarijiet li kellha fil-vettura mal-art. L-appellanta qalet li fil-ħin li seħħ l-impatt, hija kienet qiegħda b'saqajha mal-art fit-triq, waqt li mielet biex tiġbor xi affarijiet li kellha fil-vettura. L-appellat qal li dan mhux minnu, u fil-mumenti ta' wara l-inċident, mill-mera huwa seta' jara lill-appellanta bit-tarbija f'idejha. Anki jekk dawn iż-żewġ verżjonijiet ta' kif seħħew il-fatti ma jaqblux, iż-żewġ verżjonijiet jindikaw li fil-ħin li seħħ l-inċident, il-bieba tan-naħa tax-xellug tal-vettura tal-appellanta kienet miftuħa, u dwar dan m'hemm l-ebda kontestazzjoni. Il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-appellat dwar fejn kienet l-appellanta fil-ħin tal-inċident hija anqas kredibbli għaliex, f'waqtiet oħra tad-depożizzjoni tiegħu, dan qal li huwa saq ċerta distanza wara

li sema' l-impatt għaliex ried ikun ċert li l-appellanta kellha biżżejjed spazju biex tkun tista' toħroġ mill-vettura tagħha. Imma din il-verżjoni tal-appellat tikonfliġġi mal-ewwel verżjoni li kien ta, fejn qal li huwa kien ra lill-appellanta barra l-vettura fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura tagħha bit-tarbija f'idha.

23. Il-Qorti tirritjeni li f'dan il-każ iż-żewġ partijiet għandhom responsabbilità x'iġorru għall-inċident. L-appellanta kellha l-obbligu li f'każ li kellha l-ħtieġa li żżomm il-bieba tal-vettura tagħha miftuħa sabiex tkun tista' tħott xi affarijiet mill-karozza, tagħmel dan b'kawtela u wara li tkun ċerta li fit-triq mhu ġejja l-ebda vettura minn warajha. It-triq inkwistjoni hi triq b'karreġġjata waħda, li tippermetti l-ipparkjar tal-vetturi mal-ġenb tal-lemin tat-triq, u għalhekk l-appellat kellu mhux biss l-obbligu li jsuq bil-mod, imma li kemm jista' jkun iżomm distanza mill-vetturi li kienu pparkjati mal-lemin tat-triq. Għaldaqstant il-Qorti tqis li kien ikun ferm aktar ġust u ekwu li kieku t-Tribunal iddeċieda li r-responsabbilità għall-inċident kellha tinġarr miż-żewġ partijiet involuti u mhux mill-appellanta waħedha, għaliex *dato ma non concesso* li l-appellanta kellha responsabbilità għall-mod kif ħalliet il-bieba tal-vettura tagħha miftuħa, l-appellat ukoll kellu r-responsabbilità jżomm *a proper lookout* u joqgħod attent għal dak kollu li jista' jiltaqa' miegħu fit-triq waqt is-sewqan, li jżomm max-xellug tat-triq, li jsuq bil-mod tenut kont li t-triq kienet waħda pjuttost mudlama, u li jżomm id-distanza mill-vetturi ppjarkjati ladarba l-wisgħa tat-triq kienet tippermetti dan. Mill-provi ma jirriżultax li l-appellanta ħolqot emerġenza subitanja, anzi għall-kuntrarju jirriżulta li l-bieba tal-vettura tagħha kienet ilha miftuħa għal xi ħin qabel seħħ l-inċident. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qiegħda tilqa' parzjalment l-ewwel

aggravju tal-appellanta, billi tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident kienet taż-żewġ partijiet, u mhux ta' xi wieħed jew waħda biss minnhom.

*It-tieni aggravju:* *it-Tribunal injora l-fatt li ġie ppruvat li l-appellat saq għal ċerta distanza wara li seħħ l-impatt*

24. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-appellat saq għal ċerta distanza wara li sema' l-impatt. L-appellanta tgħid li din l-ammissjoni tal-appellat kellha tingħata l-importanza li jixirqilha mit-Tribunal, għaliex li kieku l-appellat ma baqax isuq wara li seħħ l-impatt, il-ħsara sofferta mill-vettura tiegħu kienet tkun ferm anqas, u l-vettura tiegħu ma kinitx tiġi meqjusa li hija *beyond economical repair.* Min-naħa tiegħu l-appellat qal li l-appellanta qatt ma kkontestat il-*quantum* tad-danni sofferti u għalhekk dan huwa punt li m'għandux jitqajjem f'dan l-istadju tal-proċeduri.

25. Il-Qorti tirrileva li eċċezzjoni ewlenija mogħtija mill-appellanta għat-talbiet li l-appellati ressqu quddiem it-Tribunal, kienet li d-danni pretiżi minnhom kellhom jiġu ppruvati. Din il-Qorti tirritjeni li t-Tribunal kellu jikkonsidra l-fatt li ġie ppruvat, u saħansitra ammess mill-appellat stess, li wara li seħħ l-impatt huwa saq għal ċerta distanza, għalkemm ir-raġunijiet li ta l-appellat għal dan ma tantx huma verosimili, kif korrettement irrimarka t-Tribunal. Ċertament li dan l-att tal-appellat wassal biex jiżdiedu d-danni fuq il-vettura tiegħu, għaliex kif ġie ppruvat jirriżulta li tnejn mill-bibien tal-vettura tiegħu riedu jinbidlu. Din il-konsiderazzjoni, meħuda flimkien mal-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti meta laqgħet parzjalment l-ewwel

aggravju u ddikjarat li ż-żewġ partijiet fil-kawża għandhom responsabbilità għall-inċident, twassal lill-Qorti għall-konklużjoni li d-danni pretiżi mill-appellati m'għandhomx jiġu likwidati fl-intier tagħhom, iżda la r-responsabbilità għall-inċident qiegħda tinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, id-danni likwidati wkoll għandhom jiġu apporzjonati bin-nofs u għalhekk l-appellanta għandha tagħmel tajjeb għas-somma ta' €375 li tammonta għal nofs id-danni sopportati mill-appellati.

*It-tielet aggravju:* *konsiderazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali*

26. L-appellanta qalet li fil-fehma tagħha, il-fatt li l-arbitri li jiddeċiedu kwistjonijiet simili quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ ma jgawdu minn l-ebda *security of tenure,* jaħdmu fuq bażi każwali u anki jitħallew jissoktaw bil-prattika privata, jixħet dubji dwar kemm fil-fatt huma indipendenti u imparzjali, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-argument diġà tqajjem u ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali drabi oħra, u għalhekk il-Qorti tqis li jkun opportun li tagħmel riferiment għal deċiżjoni li daħlet b'mod estensiv f'din il-materja, fl-ismijiet **Joseph Muscat *vs* Prim Ministru et**[5], fejn intqal illi:

> "Ma huwiex kontestat illi t-tribunal ta' arbitraġġ huwa tassew "tribunal" jew "awtorità ġudikanti" għall-għanijiet tal-liġi. Li l-liġi tkun trid li ċerti tilwimiet, jew klassijiet ta' tilwimiet, ikunu deċiżi mhux mill-qrati ordinarji iżda minn tribunal speċjali ma hijiex, fiha nnifisha, ħaġa li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Anzi, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stess osservat illi, "*Article 6 §1 of the Convention imposes on the Contracting States the duty to*

[5] 06.09.2010.

> *organise their judicial systems in such a way that their courts can meet the requirements of this provision" (fn. 1 – **Bottazzi vs l-Italja,** 28 ta' Lulju, 1999 (rikors numru 34884/97), para. 22),* u t-twaqqif ta' tribunal speċjali għal ċerti klassijiet ta' tilwimiet jista' jkun mod ta' kif l-istati jwettqu l-obbligu li jorganizzaw is-sistema ġudizzjarju tagħhom biex il-qrati ordinarji jinħelsu minn numru ta' kawżi u hekk ikunu jistgħu jisimgħu u jaqtgħu b'aktar ħeffa kawżi oħra ta' aktar gravità jew importanza. Meta tqis illi t-tilwimiet milquta bil-każ tallum huma dawk dwar ħabtiet bejn vetturi tal-mutur, fejn il-valur ma jaqbiżx il-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) u fejn ma jkunx hemm ukoll leżjonijiet personali, ikun raġonevoli li tgħid illi dawn huma tilwimiet x'aktarx numerużi – u li għalhekk itaqqlu s-sistema ġudizzjarju – iżda ta' importanza relattivament modesta, u għalhekk huma klassi ta' tilwimiet li huma raġonevoli li jinħarġu mis-sistema ġudizzjarju ordinarju fl-interess tal-effiċjenza fl-użu ta' riżorsi limitati. Dan qiegħed jingħad biex juri għala din il-qorti hija tal-fehma illi m'għandhiex *ab initio* tħares b'antagoniżmu lejn it-twaqqif ta' tribunal bħal dak ta' arbitraġġ.
>
> Naturalment, dan għandu jsir b'ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq u għalhekk it-tribunal ta' arbitraġġ għandu joffri l-istess garanziji ta' indipendenza u imparzjalità li jagħtu l-qrati ordinarji, jew għall-inqas ikun suġġett għal reviżjoni minn tribunal li jagħti dawk il-garanziji *(fn. 2 – ara **Albert u Le Compte v. Il-Belġju,** 10 ta' Frar, 1983 (rikors numru 7299/75 u 7496/76), para. 29)."*

27. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet analiżi tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtu liċ-*chairman* tat-Tribunal is-setgħat li l-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) kienet sabet f'dan il-każ li jnaqqsu l-indipendenza tiegħu, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet li huma rilevanti għall-għażla ta' arbitru u għat-tneħħija tiegħu, u għall-ħarsien tal-indipendenza tiegħu. Wara li qieset l-artikoli tal-liġi rilevanti, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi:

> "Il-kumment magħmul mill-ewwel qorti illi l-għażla ta' arbitri ma hijiex xi "għażla wiesgħa" b'ebda mod ma tnaqqas l-indipendenza tal-persuna magħżula. Anzi, il-kriterji tal-għażla taħt l-art. 10(3) tal-Kap. 387 huma maħsuba biex il-persuni li jintgħażlu jkunu minn fost dawk li jkollhom mhux biss kompetenza professjonali iżda wkoll integrità.

> Il-fatt, imbagħad, illi l-għażla tal-arbitru, meta l-partijiet ma jiftiehmux dwar il-ħatra, issir miċ-*Chairman* taċ-Ċentru huwa maħsub biex l-għażla ssir minn bniedem indipendenti mill-partijiet, u biex parti ma jkollhiex *voce in capitolo* aktar mill-oħra fl-għażla. Tassew illi ċ-*Chairman* jinħatar mill-ministru, u għalhekk jista' b'xi mod jitqies, fi kliem l-ewwel qorti, li "ftit jew wisq hu taħt il-kontroll tal-Ministru tal-Ġustizzja"; dan jista' jkollu rilevanza meta l-gvern eżekuttiv ikollu parti fit-tilwima, li ma huwiex il-każ fit-tilwima li għandu l-attur u rarament ikun il-każ fil-klassi ta' tilwimiet milquta bil-każ tallum. Għalhekk, id-dispożizzjoni tal-art. 4(4) tal-Kap. 387, li trid illi ċ-*Chairman* u l-membri l-oħra tal-bord "m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra", għandha tagħti garanzija biżżejjed ta' indipendenza fil-ħatra tal-arbitru miċ-*Chairman* taċ-Ċentru."

Fil-parti konklussiva ta' din id-deċiżjoni, il-Qorti Kostituzzjonali kkonsidrat illi:

> "Din il-qorti, għar-raġunijiet miġjuba fuq, ma taqbilx illi t-tribunal ta' arbitraġġ ma huwiex tribunal indipendenti u, għall-istess raġunijiet, ma taqbilx mal-konklużjoni konsegwenti tal-ewwel qorti li t-tribunal lanqas ma huwa oġġettivament imparzjali: billi ma hemmx dipendenza fuq il-partijiet direttament interessati fit-tilwima u hemm ħarsien legali u ġudizzjarju kontra indħil indebitu mill-awtoritajiet, ma hemmx raġunijiet li joħolqu dubji dwar l-imparzjalità oġġettiva tat-tribunal."

28. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ ir-rikorrenti quddiem it-Tribunal ipproponew tliet ismijiet ta' persuni li setgħu jservu bħala arbitri f'dawn il-proċeduri, u l-Arbitru li ppresjeda t-Tribunal intgħażel bi qbil bejn il-partijiet. Fl-ebda waqt tal-proċeduri ma ntalbet ir-rikuża tal-Arbitru mill-appellanta għal xi raġuni jew oħra, u minkejja li l-Qorti fehmet li dan it-tielet aggravju tal-appellanta sar b'riferiment għall-proċeduri tal-arbitraġġ in ġenerali u mhux għal dan il-każ partikolari, il-Qorti tqis li referenza kostituzzjonali kif mitluba tkun waħda frivola u vessatorja, partikolarment meta l-kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali li trid tressaq l-appellanta ġiet miċudha mill-Qorti

Kostituzzjonali f'każijiet oħrajn. Għaldaqstant tqis li t-tielet aggravju mhuwiex ġustifikat u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta billi tirriforma u tvarja l-lodo arbitrali appellat fis-sens li:**

**(a) filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fejn ġiet miċħuda t-talba għall-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2875/16 u għall-imgħaxijiet bejn id-data tal-ittra u d-data tal-preżentata tal-proċeduri arbitrali;**

**(b) qiegħda tvarja l-parti tal-lodo arbitrali appellat fejn ġew milqugħa t-talbiet tar-rikorrenti, u filwaqt li tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident għandha tiġi attribwita lill-appellanta u lill-appellat b'mod indaqs (50%-50%), tiddikjara li l-appellanta għandha tagħmel tajjeb għal nofs id-danni reklamati mir-rikorrenti, u għalhekk għandha tħallas l-ammont ta' €375 lill-appellati, bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tat-talba quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ, iġifieri s-26 ta' Lulju, 2016.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kwantu 50% mill-appellanta u 50% mill-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**